9 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 71**

**It-Tnejn, 7 ta' Awwissu 2023**

Il-Laqgħa numru 71 saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn7 t' Awwissu 2023 fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Is-Sur Gianluca Falzon | Viċi Sindku |
| Is-Sur Joe Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Kursten Dimech | Kunsillier |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |
| Is-Sa Roberta Sultana | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Is-Sa Courtney Farrugia | Kunsillier |

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Michael Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

**Minuti**

Is-Sindku, is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

**71.1 Qari tal-ittri t'apoloġiji**

F'din il-laqgħa s-Sindku informa lill-membri li s-Sa Courtney Farrugia kienet indisposta.

**71.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill.**

**71.2.1 Approvazzjoni tal-Minuti**

Minuti tal-laqgħa 68, tal-laqgħa 69 u tal-laqgħa 70 ġew approvati unanimament.

**71.2.2 Korrezzjonijiet**

Laqgħa 68 – ma kienx hemm korrezzjonijiet fil-minuti
Laqgħa 69– ma kienx hemm korrezzjonijiet fil-minuti
Laqgħa 70– ma kienx hemm korrezzjonijiet fil-minuti

## 71.3 Punti mqajjma mill-minuti

**71.3.1** Minuta 68.3.1 – Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill ipprovda l-ispezzifikazzjonijiet u talab lill-offerant li tefa it-tender tal-latrina sabiex jibghatilna kwotazzjoni ta' kemm hi id-differenza finanzjarja sabiex l-imsemmija latrina li trid issir fi ġnien Romeo Romano tkun waħda awtomatika. Is-Sindku qal li sa qabel il-laqgħal-Kunsill kien għadu ma riciviex l-ebda kommunikazzjoni mingħand l-offerant.

**71.3.2** Minuta 68.3.2 - Is-Sindku informa lill-membri li l-ispiza sabiex issir il-bankina ta' taħt l-Akkwadott fi Triq il-Kbira San Ġużepp hekk kif kien ġie propost fil-laqgħat preċedenti hija fenomenali li skont il-BOQ li ġiet preżentata tammonta għal iktar minn nofs miljun €uro. Is-Sindku qal ukoll li għadu qiegħed jistenna mill-Kunsill Lokali tal-Ħamrun dwar it-tender sabiex isiru il-fanali tul Triq il-Kbira San Ġuzepp u b'hekk dawn ikunu uniformi tul it-triq kollha.

**71.3.3** Minuta 68.4.3 – Is-Sindku talab lis-Sur Kursten Dimech sabiex jinforma lill-membri dwar komunikazzjoni li kellu mal-Scouts ta' Santa Venera. Is-Sur Dimech spjega li kellu diskussjoni mal-Scouts fejn dawn wara l-laqgħa li kellhom mal-Kunsill, talbuh sabiex fl-attivita' tal-Halloween tkun esklussivament għalihom minħabba li huma ser jinvestu fil-materjal sabiex jarmaw ġnien Romeo Romano. L-Scouts qed jitolbu sabiex il-Kunsill jalloka ammont finanzjarju sabiex ikunu jistgħu ikomplu jinvestu għal din l-attivita'.

Wara diskussjoni bejn il-membri kien hemm qbil unanimu li l-kunsill jibqa' responsabbli minn din l-attivita' fejn il-Kunsill ma jaqbilx li l-Scouts ikunu responsabbli esklussivament. Għaldaqstant il-Kunsill qed jitlob lil Scouts sabiex jippreżentaw lill-Kunsill draft ta' MOU sabiex b'hekk il-Kunsill ikun jaf dak li jixtiequ huma u wara tittieħed deċiżjoni mill-Kunsill jekk hemmx qbil bejn iż-żewġ partijiet jew le.

**71.3.4** Is-Sindku informa lill-membri li saret l-intervista tas-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku stieden lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv sabiex jispjega ir-riżultat tal-intervista. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li wara li saret l-intervista lill-kandidat prospettiv dan ma kiex ġab il-50% u għaldaqstant dan il-persuna ma kienx laħaq il-kriterji meħtieġa mill-Kunsill.

## 71.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

**71.4.1** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva mingħand il-Housing Authority fejn il-Kunsill ġie infurmat li ser issir manutenzjoni fil-blokok tal-binja tal-gvern, "Binja Indipendenza".

**71.4.2** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva ittra mingħand Guido Demarco Assosciates fejn il-Kunsill ġie nfurmat dwar garaxx li fil-maltemp qiegħed jegħreq. Is-Sindku informa lill-membri, li Triq Vivion qed tispiċċa vittma tax-xogħolijiet li saru fi Triq il-Markiż Scicluna u Triq Adelaide Cini u l-ilma kollu qed jispiċċa joskula

għal hemm. Din it-triq għandha tinbena mill-ġdid minn Infrastructure Malta iżda trid tinstab xi forma ta soluzzjoni għal din il-problema.

**71.4.3** Is-Sindku informa lill-membri li kien irċieva komunikat mid-Dipartiment tal-Kunsill Lokali dwar applikant ieħor għal Segretarju Eżekuttiv. Għandha ssir intervista fil-ġimgħat li ġejjin.

**71.5 Rapporti / Korrispondenza**

**71.5.1** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva mingħand Transport Malta fejn irċevew talba għal 15-il minuta *Timed Parking Bay* quddiem The Tub fi Triq il-Barrieri, Santa Venera biex jiżdiedu mal-ħinijiet eżistenti tal-*Un/Loading Bay*. Huma qed jirrakkomandaw li wara l-Ħinijiet tal-*Un/Loading Bay* li huma mit-Tnejn sas-Sibt mid-9.00am sa 12.00pm, *15mins Timed Parking* ikun miżjud minn 12.00pm sa 19.00pm. Siegħat li fadal għall-ħarkeġġ bla restrizzjonijiet. Il-membri innutaw li sas-7pm il-ħin huwa relattivament twil u għaldaqstant intalab sabiex jiġi rivedut.

**71.5.2** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva komunikat sabiex l-isprall li hemm fi Triq il-Parroċċa jitnaddaf minħabba l-fatt li dan jinsab miżdud bil-ħama. Il-Kunsill ġab il-kwotazzjonijiet sabiex jitnaddaf u l-irħas kwotazzjoni kienet ta' *Waste Collection*. Il-kwotazzjonijiet kienu kif gej:

- Waste Collection €1400
- GC Ltd €1888
- Premiere Ltd €1929

**71.5.3** Is-Sindku informa lill-membri li sar MOU ma ' Aġenzija LESA fejn ġie maqbul illi r-Reġjuni ser jingħataw sa €100k sabiex ikopru spejjż relatati ma servizzi mogħtija mill-Aġenzija LESA, Korp tal-Pulizija u tal-Protezzjoni Civili. Dawn ser ikunu allokati għal attivita' waħda li kull Kunsill ser jorganizzaw u jkunu jkopru sentejn jiġifieri €50k kull sena.

**71.5.4** Is-Sindku informa lill-membri li Triq il-Kanun infetaħ Convenience Shop ieħor u qed titalab sabiex issir Un/Loading bay fi Triq il-Ħaddied. Wara diskussjoni il-membri qablu unanimament sabiex l-approvazzjoni mill-Kunsill issir bejn it-08:00am u s-02:00pm bir-restirzzjoni tal-parkeġġ bil-ħin ta' 30 minuta.

**71.5.5** Is-Sindku informa lill-membri li irċieva talba sabiex issir un/loading bay fi Triq Misraħ il-Barrieri mingħand is-Sinjura Rita Zammit minħabba li huma *retailers of white goods*. Huma qed jitolbu sabiex il-ħinijiet ikunu mit-Tnejn sas-Sibt bejn it-8:00am u 12:00pm u bejn 02:00pm u 08:00pm.

Wara diskussjoni l-membri qablu sabiex il-ħinijiet ikunu ristretti bejn is-07:00am u s-02:00pm.

**71.5.6** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva komunikat mill-Kap tal-iskola ta' St Michael College fejn qiegħed jitlob lill-Kunsill sabiex il-mera li konna waħħalna mal-faċċata tal-entratura tal-garage u wara nqalgħet u twaħħlet mal-koxxa tal-garage stess,

bla ebda użu partikulari sabiex b'hekk din il-mera titwaħħal fejn oriġinarjament kellha titwaħħal.

Wara diskussjoni l-membri qablu unanimament.

**71.5.7** Is-Sindku informa lill-membri li minħabba l-kaz li bħalissa is-Sa BrendaAttard hija indisposta u mhux qiegħed isir it-tindif meħtieġ fil-binja tal-Kunsill. F'dan ir-rigward fil-Kunsill hemm bżonn li jibda jinġieb xi hadd sabiex inaddaf u b'hekk ġibna l-kwotazzjonijiet u l-irħas kwotazzjoni kienet dik ta' Carmel Desira Ltd ta' €10.03 is-siegħa Vat inkluża. Il-kwotazzjonijiet kienu dawn:

| | |
|---|---|
| Clentec Ltd | €11 vat inkluża kull siegħa |
| Maids in Malta | €12.50 vat inkluża kull siegħa |
| Brizz Cleaning Services | €14.75 vat inkluża kull siegħa |
| Carmel Desira | €10.03 vat inkluża kull siegħa |

Wara diskussjoni l-membri qablu unanimament u ġie deċiż li l-Kunsill juża s-servizz tal-irħas kwotazzjoni.

**71.5.8** Is-Sindku informa lill-membri li l-Knsill xtara pompi ġodda sabiex il-funtani tal-ġnien Romeo Romano jerġgħu jiffunzjonaw mill-ġdid bl-irħas kwotazzjoni tkun dik li nġiebet mingħand KHS - €315.08

Il-membri qablu unanimament.

**71.5.9** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill b'kollaborazzjoni tal-Għaqda tan-Nar 26 ta' Lulju ser tkun organizzata lejla t'Għana fi ġnien Romeo Romano nhar l-1 ta' Settembru 2023. Il-Kunsill ser ikun responsabbli sabiex iħallas l-għannejja fejn l-ispiza ser tkun ta' €1600 u tar-reklami ġiet allokata €200.

Il-membri qablu unanimament.

**71.5.10** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva talba mingħand il-Kumitat tal-Banda Santa Venera sabiex ikunu organizzati BBQs fi ġnien Romeo Romano. Id-dati huma kif gej:

- is-Sibt 19 t'Awwissu 2023
- is-Sibt 9 ta' Settembru 2023
- il-Ġimgħa 15 ta' Settembru 2023

Wara diskussjoni, il-membri qablu unanimament iżda importanti li jinġabar l-iskart u ma jitħalliex hemm.

**71.5.11** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva kommunikat mid-Diprtiment tad-Dentristrija - is-Servizz tal-Iġjene Dentali li hija ddedikata għall-promozzjoni tas-saħħa u l-benessri orali fil-komunità tagħna. L-interess tagħhom hi li jikkollaboraw biex joffru programmi ta' edukazzjoni dwar is-saħħa orali lill-komunità lokali. Is-saħħa orali għandha rwol vitali fil-benessri ġenerali, u nemmnu li l-għoti ta' edukazzjoni u għarfien jista' jtejjeb b'mod sinifikanti r-riżultati tas-saħħa orali taċ-ċittadini tagħna.

Il-membri qablu unanimament.

**71.5.12** Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill irċieva kommunikat mingħand Aġenzija Żgħażagħ fejn wieħed mill-programmi li qed tagħti l-Aġenzija Żgħażagħ dan is-sajf jissejjaħ *Find Superhero in You life* skill programme.

Huma qed jitlobu l-għajnuna tagħna fl-identifikazzjoni ta' żona fejn nistgħu nagħmlu t-tindif fil-5 ta' Settembru fis-16:30. Barra minn hekk jixtieqm li l-kunsill jipprovdi affarijiet essenzjali għal dan it-tindif, inklużi ingwanti, boroż taż-żibel u xkupi.

Il-membri qablu unanimament.

**71.5.13** Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill irċieva kwotazzjoni fuq il-monument tal-Gwerra wara li ħarġet is-sejħa tal-espressjoni t'interess. Wieħed biss applika. Din il-kwotazzjoni tammonta għas-somma ta'€54k. Liema proġett ser ikun maqsum fuq sentejn – dejjem jekk jimmaterjalizza.

Il-membri qablu unanimament sabiex ninfurmaw lid-Dipartiment li peress li s-somma hi ta'€54k nistgħux nipproċedu bl-espressjoni t'interess biss.

**71.5.14** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva kommunikat mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tat-30 sena mit-twaqqif tal-Gvern Lokali f'Malta ser tkun organizzata Seduta Parlamentari taż-Żgħażagħ. Il-Kunsilli Lokali huma mħeġġa sabiex jinnominaw żagħżugħ jew żagħżugħa ta' bejn il-15 u l-25 sena. Dan iż-żagħżugħ jew żagħżugħa ser ikunu r-rappreżentanti tal-lokalità tagħkom f'din l-inizzjattiva u għalhekk din għandha sservi ta' opportunità biex il-lokalità tibgħat rappreżentant tagħha fl-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż, kif ukoll isservi ta' opportunità għaż-żagħżugħ jew żagħżugħa biex jindirizzaw l-istess seduta.

Wara diskussjoni il-membri qablu unanimament sabiex ikun nominat is-Sur Miguel Cauchi

**71.5.15** Is-Sindku informa lill-membri, sabiex jinxtraw żewġ bukketti fjuri sabiex jiġu ppreżentati lil Ms Brincat u lil Mrs Ana Saliba li ser tikkontesta f'konkors tas-sbuħija. Wara diskussjoni il-membri qablu unanimament.

**71.5.16** F'dan l-istadju s-Sindku għamel eċċezzjoni u wieġeb għal mistoqsijiet imressqa mis-Sur Joe Vella. Dokument anness mal-minuti – Dok. 'A'.

## 71.6 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

### 71.6.1 Rendikont Finanzjarju Jannar sa Ġunju 2023

L-accountat is-Sa Lorna Sultana spjegat fid-dettal lill-membri preżenti l-*quarterly report* ta' bejn Jannar u Ġunju 2023.

Wara diskussjoni, is-Sindku ippropona u s-Sa Roberta Sultana ssekondat lis-Sindku għall-approvazzjoni tal-*quarterly reort*. Il-membri qablu unanimament.

**71.6.2 Management Letter Reply**

Is-Sindku talab lill-Accountant is-Sur Michael Debono sabiex jispjega l-*Management letter*. L-Accountant spjega l-*Management letter* u wara diskussjoni fuq il-punti mqajma s-Sindku ppropona l-*Management letter Reply* filwaqt li s-Sur Joe Vella issekonda lis-Sindku u l-kumplament tal-Membri qablu unanimament.

**71.6.3 *Car Show* – Triq il-Kbira San Ġużepp**

Is-Sindku informa lill-membri dwar sabiex issir l-attivita' tal-*car show* fi triq il-Kbira San Ġużepp. Wara diskussjoni l-membri qablu unanimament sabiex il-Kunsill jipprovdi s-servizz tal-Gwardjani Lokali filwaqt li aktar informazzjoni dwar din l-attivita' għandha tingħata fil-laqgħat li jmiss.

**71.6.4 Traffic Management – parti minn Triq il-Blata l-Kaħla u Triq Żonqor**

Is-Sindku ppreżenta lill-membri preżenti t-*Traffic Management* il-ġdid ta' parti minn Triq Blata l-Kaħla u ta' Triq iż-Żonqor. Wara diskussjoni bejn il-membri kien hemm qbil unanimu mal-proposti li ġew preżentati u għandhom jitressqu dawn it-talbiet lil Transport Malta għal approvazzjoni.

**71.7 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti**

**71.7.1** L-Iskeda tal-pagamenti Nru 414 u Petty Cash ġew diskussi u approvati.

Skeda ta' pagamenti u Petty cash: Proponent: Is-Sur Joe Vella u Sekondant: Is-Sur Kursten Dimech.

**71.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati**

F'din il-laqgħa ma kienx hemm minuti preżentati.

**71.9 Lista ta' Ilmenti**

**71.9.1** Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti segwenti

| | |
|---|---|
| 182 | Ħaddiema Assenjati |
| 192 | Contracts Manager |
| 193 | Trid issir laqgħa pubblika fuq li diga tkellimna |
| 194 | Ħaddiema Assenjati |
| 195 | Naraw raġuni għala tneħħiet |
| 196 | Aktar dettalji liema garaxx |
| 197 | Azzjoni ttieħdet |
| 199 | Culverts diġà gew irranġati |
| 203 | Infrastructure Malta |

| | |
|---|---|
| 204 | Iridu jinġiebu l-peremssi minħabba l-estetika tal-ġnien |
| 206 | Tinkiteb ittra lis0sidien tal-appartamenti |
| 208 | Ħaddiema Assenjati |
| 209 | Contracts Manager |
| 210 | Contracts Manager |
| 211 | Quddiem graxxaijiet ma jsirux double yellow lines – Contracts Manager u wara tinkiteb dikjarazzjoni |
| 212 | Contracts Manager |
| 214 | Klieb permissibbli fiz-zona tagħhom biss |
| 216 | WO – B Grima & Sons |
| 217 | Ħaddiema Assenjati |
| 218 | Ħaddiema Assenjati |
| 219 | Ħaddiema Assenjati |
| 220 | Ħaddiema Assenjati |
| 221 | Ħaddiema Assenjati |
| 222 | Ħaddiema Assenjati |
| 223 | Ħaddiema Assenjati |
| 224 | Ħaddiema Assenjati |
| 225 | Ħaddiema Assenjati |
| 226 | Ħaddiema Assenjati |
| 227 | Ħaddiema Assenjati |
| 228 | Ħaddiema Assenjati |
| 229 | Transport Malta |
| 230 | Green Pak |
| 231 | Ħaddiema Assenjati |
| 232 | Ħaddiema Assenjati |
| 233 | Ħaddiema Assenjati |
| 234 | Ħaddiema Assenjati |
| 235 | Ħaddiema Assenjati |

## 71.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fit-8:00pm u ġiet aġġornata għas-6 ta' Settembru 2023, fis-6.30pm.

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Konfermati, illum 6 ta' Settembru, 2023